MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2405/2003

**Catherine Borg**

**Vs**

**Emanuel Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz pprezentat mill-attrici li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u sebgha u sittin lira Maltin (Lm167) rapprezentanti danni sofferti minnha fil-karozza taghha JAE 863 li kienet ipparkjata f'Birkirkara Road, San Giljan meta giet milquta mill-vettura AAM 574 misjuqa mill-konvenut fil-5 ta' Novembru, 2003.

Ra r-Risposta tal-konvenut li hija limitata ghall-kontestazzjoni fuq il-*quantum* u li m'huwiex qieghed jikkontesta r-responsabbilta'.

Sema' x-xhieda tal-partijiet u ta' Charles Cauchi.

Ra r-relazzjoni tal-Perit Tekniku Joseph Buttigieg li kkonkluda li l-hsara fil-vettura in kwistjoni, kompriz il-VAT ghandha tigi kkwantifikata ghas-somma ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm155.79c).

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi f'din il-kawza l-mertu tal-kollizjoni in kwistjoni m'hijiex in dibattitu izda l-kwistjoni biss hija dwar l-ammont cjoe' l-*quantum* tad-danni. L-attrici pprezentat Avviz fejn talbet hlas ghas-somma ta' mija u sebgha u sittin lira Maltin (Lm167). Dan huwa maqsum hekk:

- Erbgha w erbghin lira Maltin (Lm44) spray-painting;
- Hamsin lira Maltin (Lm50) panel-beating; u
- Hamsa u hamsin lira Maltin u disgha w erbghin centezmu (Lm55.49c) rear bumper.

Inoltre mis-survey kondott mill-assigurazzjoni tal-konvenut inghatat erbat ijiem tax-xoghol *loss of use*. U b'kollox jigi l-ammont minnha mitlub fil-kawza.

Stante li l-karozza ma ssewwietx u l-konvenut ikkontesta l-*quantum*, gie mahtur l-Espert Tekniku Joseph Buttiegieg u mir-rapport tieghu hemm avarija minima bejn l-ammont mitlub mill-attrici u l-ammont minnu likwidat. Fil-fatt, tenut il-*quantum* stabbilit minn Buttigieg u l-*loss of use*, l-*quantum* jaqbez l-ammont mitlub fil-kawza.

Il-konvenut ma ndenjax jipprezenta ruhu ghas-seduta tad-19 t'Ottubru, 2004 fejn kellu l-opportunita' jikkritika r-relazzjoni.

Ghalhekk it-talba ta' l-attrici tisthoqqilha tigi akkolta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi filwaqt li jiddikjara li l-konvenut *ex-admissis* huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u li l-*quantum* mitlub mill-attrici huwa gustifikat u konsegwentement

jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u sebgha u sittin lira Maltin (Lm167) bl-ispejjez u bl-interessi hekk mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------